MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 30

25 ta` April 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**ASSENTI**

Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qara l-ittra li bghat il-Kunsillier is-Sur Eman Zerafa fejn talab lill-Kunsill sabiex jigi skuzat peress li ma setax jattendi ghall-laqgha tal-Kunsill. Din it-talba ma gietx milqugha minn dawk prezenti ghar-raguni li ma kienx hemm gustifikazzjoni.

## 30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 29(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**<u>Punti Mqajjma mill-Minuti</u>**

30.2.1 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li LESA u l-gwardjani lokali ser jaghqu taht ir-responsabilita tal-Gvern. Zied jghid li s-Sur Ray Zammit talab lill-pulizija biex jaghmlu sorveljanza huma fil-pjazza tal-Birgu. *(Minuti 29(07) 29.1.2)*

30.2.2 Dwar it-talba li l-Kunsill ghamel sabiex jigi trasferit il-parkegg ta` tal-linja fil-pjazza, is-Sindku qal li huwa personalment kellem lill-Onorevoli Ministru Joe Mizzi u li gie mgharraf mill-istess Ministru li kien ser jiehu hsieb il-Ministeru sabiex jaghmel dan ix-xoghol. *(Minuti 29(07) 29.1.3)*

30.2.3 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jsir kuntatt mas-Supretendent tad-Distrett biex ikun jista` jghin lill-Kunsill sabiex l-istess Kunsill ikun jaf min hu l-Ispettur tal-Ghassa ta` Haz-Zabbar sabiex tintbghat korrispondenza dwar il-lapida tal-Palazz tal-Kapillani tal-Ordni *(Minuti 29(07) 29.1.4)*

30.2.4 Is-Sur Boxall qal li dwar is-sitwazzjoni tad-Dar tal-Anzjani fil-Birgu, il-Kunsill qed ikun wisq passiv dwar din is-sitwazzjoni. Gie deciz li ghandhu jsir kuntatt fl-iqsar zmien possibli mas-Sinjura Maria Mc.Namara. *(Minuti 29(07) 29.2.2)*

30.2.5 Is-Sur Boxall qal li kellem lill-avukat dwar l-ittra li l-Kunsill ircieva dwar malafamma fuq is-Sinjura Antonia Belfiore, u li ser johodha f`idejh biex jirrispondi wara li kellem lill-avukat mqabbad mill-Kunsill.

## 30.3 Ir-Restawr ta` waħda mill-kmamar ta` fuq fil-Berġa ta` Franza.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li somma biex tigi restawrata wahda mill-kmamar ta` fuq ta` fejn is-sala l-kbira telghet ghall- €7,356.47. Dwar it-talba li ghamel il-Kunsill lis-Segretarju Parlamentari Dr. Stefan Buontempo, il-Kunsill ircieva risposta minn naha tad-Direttur tal-Gvern Lokali li din it-talba giet accettata u li l-flus ser jinghataw kollha. Il-Kunsill bghat il-kwotazzjonijiet kollha u gew approvati. Is-Sindku zied jghid li barra dawn ix-xoghlijiet li l-Kunsill ser jinghata l-flus ghalihom, ser ssir bieb gdid u kif ukoll il-purtieri, li ghal dawn l-ispejjez, hu sab ghajnuna finanzjarja minghand benefatturi.

## 30.4 Tagħrif dwar l-Laqgħa Ġenerali tal-Assoċċjazzjoni AVEC li saret fil-Birgu

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-organizazzjoni tal-konferenza AVEC li saret nhar il-Gimgha 7 ta` April 2017 kienet organizzata tajjeb hafna u l-Kunsill gie rringrazzjat tal-ospitalita tajba li offra. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ircieva invit mill-belt ta` Nis biex is-Sindku jkun ospitat. Is-Sindku saqsa lill-Kunsill ta` Nis sabiex jara jisghtax ikun akkumpanjat minn tnejn minn nies ohra matul iz-zjara tieghu.

## 30.5 Tagħrif dwar l-Laqgħa Ġenerali tal-Assoċċjazzjoni ALDA li ser ssir fil-Polonja.

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li laqgha Generali tal-ALDA ser ssir bejn id-9 u 12 ta` Mejju 2017 fejn ser ikun hemm ukoll laqghat fuq il-progett LADDER. Is-Sur Boxall zied jghid li jisghtu jattendu zewg parteciapanti u li ser ikun hemm kollox imhallas ghal partecipant wiehed biss. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill ghad qed jistenna risposta minghand il-Project Manger jekk hux ser ikun jista` jattendi ghal din il-laqgha flimkien mieghu.

## 30.6 Ħatra ta` Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Wara li saret diskussjoni fuq din il-materja, il-Kunsill qabel unanimament li jaghti l-fakulta lis-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku biex flimkien jaraw min hu interessat mill-persuni li hemm fil-lista tal-Pool ta` Segretatji Ezekuttivi Prospettivi sabiex iservi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv mall-Kunsill Lokali tal-Birgu.

Wara li l-Kunsill ikollhu l-persuna jew persuni li jkun wrew l-interess sabiex jiehu

din il-kariga, titressaq ghall-laqgha tal-Kunsill sabiex din tigi approvata u mmedjatament il-Kunsill japprova lil din il-persuna biex b`effett immedjat jigi nfurmat id-Dipartiment u tintalab l-approvazzjoni tal-Ministru biex din il-persuna tinghata l-inkarigu ta` Deputat Segretarju mal-Kunsill Lokali tal-Birgu.

## 30.7 Korrispondenza

30.7.1 Mibghut draft tal-Memorandum of Undersating mall-Belt ta` Beyoglu fi Turkija, sabiex il-Kunsill jara jekk hemmx bzonn li jsiru xi korezzjonijiet. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li kien hemm xi korezzjonijiet zghar.

30.7.2 Il-Kunsill talab lill-Kunsilli Lokali li ghandhom il-bahar fil-lokalita taghhom sabiex jibaghtu lill-Kunsill kopja ta` bye laws li ghandhom dwar dghajjes li jitilghu fuq l-art. Il-Kunsill ircieva kopja wahda minghand il-Kunsill ta` San Giljan u gie deciz li tintbghat kopja lill-Kunsilliera sabiex jaraw jekk hemmx xi emendi li jixtiequ jaghmlu.

30.7.3 Il-Kunsill ircieva ilment dwar il-hofor li hemm fi Pjazetta San Filippu. Il-Kunsill qabbel li ghandna naghmlu talba lill-Ministru Joe Mizzi sabiex din iz-zona ssir minn naha tal-istess Ministeru, peress li l-patching mhux ser ikun bizzejjed.

30.7.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar il-Hamis 27 ta` April 2017 ser issir harga ghall-Jum l-Omm 2017 ghall-Ghawdex. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill ta` Kercem offra li jospitana gewwa l-Kunsill, grazzi ghas-Sindku, s-Sur Mario Azzopardi.

30.7.5 Ittra mibughta mis-Sur Noel Micallef sabiex jinghatalhu l-permess biex ikun jista` jarma fl-attivita tal-Birgufest 2017. Il-Kunsill laqa` u approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-generator ikun wiehed silenzjuz u ma jithalliex fil-post tas-soltu.

30.7.6 Il-Kunsill bghat ittra lis-Sur Norbert Gatt dwar problema ta` Triq it-Torri ta` San Gwann ghax qed tizloq hafna u qed tkun ta` periklu kemm ghal min jghaddi bil-karrozza u kif ukoll ghal min jghaddi bil-mixi.

30.7.7 Il-Kunsill bghat l-applikazzjoni sabiex fil-lokalita tal-Birgu jibdew jsiru korsijiet ta` Lifelong Learning gewwa l-iskola primarja tal-Birgu. Fost is-suggetti li kien hemm maghzula huma lingwa Ingliza f`livell baziku, il-lingwa Maltija ghal dawk barranin, ECDL, bizilla, ganutell etc.

30.7.8 Il-Kunsill ircieva korrispondenza dwar il-programm Xjenza Mania, programm li jitratta xjenza, teknologija u l-matematika. Din l-informazzjoni dwar dan il-programm ser titella` fuq facebook page tal-Kunsill.

30.7.9 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minn restaurant li qieghed fil-Vittorisoa Waterfront dwar ilment li l-istess restuarant ircieva dwar il-bzonn li ssir sleeping policeman fi Triq l-Assedju l-Kbir quddiem ir-restaurants. Ghal din it-talba, il-Kunsill

ma jsib l-ebda ogezzjoni dejjem jekk l-ispejjez ta` din l-sleeping policeman jigu mhallsa mill-istess restuarants.

30.7.10 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand l-EFFE, fejn gejna nfurmati l-applikazzjoni li l-Kunsill issottometta dwar l-attivita tal-Birgufest biex tigi riklamata fuq il-website tal-EFFE giet milqugha u approvata.

30.7.11 Gew mibughta l-istimi tal-progett tal-klabb tar-Regatta mill-perit dwar xi xoghlijiet li jridu jsiru. Il-Kunsill qabel b`vot unaninimu li l-Kunsill mhux ser johrog aktar flus ghal dan il-progett u li dawn l-istimi jibdew jintbghatu lill-Ministeru dirett u mhux aktar lill-Kunsill.

30.7.12 Mibughta Cirkulari 10/17 dwar L-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-WEEE) miġbura mill-Kunsilli Lokali.

30.7.13 Mibughta stedina ghall-Gala Dinner li ser tigi mtella mill-WEEE Forum nhar is-26 ta` April 2017 gewwa Forti Sant. Anglu.

30.7.14 Mibughta stedina biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jzur il-belt ta` Vigonovo, l-Italja f`Mejju 2017, sabiex jibda l-process tal-gemellag. Il-Kunsill bghat korrispondenza sabiex jsaqsi kemm jisghtu jitilghu rapprezentanti u xi spejjez hemm involuti ghall-Kunsill.

30.7.15 Mibughta ittra dwar laqgha li jmiss tal-URBACT li ser ssir bejn is-6 u l-10 ta` Gunju 2017 gewwa Braga, il-Portugal. Ghal din il-laqgha, s-Sur Lawrence Attard wera li huwa interessat li ser jattendi ghalkemm ghad m`hemm xejn konfermat jekk hux ser jitilghu rapprezentanti minn naha tar-Regjun Xlokk.

30.7.16 Il-Kunsill gie mgharraf mill-Kunsill Lokali ta` A Laracha fejn il-progett li sottomessaw gie approvat. Il-Kunsill tal-Birgu qed jistenna l-programm u dettalji ohra tal-progett li jaqa` taht l-Europe for Citizens.

30.7.17 Dwar il-fondi tal-ERDF, il-Kunsill qabel b`vot unanimu li l-Kunsill ghandhu jikteb lill-Dr Ian Borg sabiex ikun jista` joffri l-ghajnuna tieghu biex issir ir-restawr tal-faccatti tal-Berga ta` Franza, binja storika fil-Birgu. Il-Kunsill ghandhu l-permessi kollha minn naha tal-Planning Authority. Is-Sindku talab ukoll sabiex jingabru l-applikazzjonijet u l-approvazzjonijiet kollha tal-progetti li ghandhu l-Kunsill sabiex tintalab l-ghajnuna biex dawn issiru.

30.7.18 Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand is-Sur Mark Farrugia mill-Ufficcju tal-Prim Minsitru dwar iz-zjara tal-President tal-Kroazja fil-Birgu nhar l-10 ta` Mejju 2017. Is-Sindku talab lill-Vici Sindku, is-Sur Trevor Mizzi biex ikun prezenti peress li huwa kien ser ikun imsiefer fuq xoghol tal-Kunsill u biex jigi preparat l-ktieb li ser jigi regalat lill-istess President.

30.7.19 Wara li ntalbu tlett kwotazzjonijiet sabiex issir risk assessment fil-binja tal-Kunsill, gew prezentati waqt il-laqgha u l-Kunsill approva b`mod unanimu l-irhas

kwotazzjoni, dik tal-kumpanija Absolute Health and Safety Services.

30.7.20 Mibughta Cirkulari 9/2017 Inizjattiva Finanzjarja - Local Government Culture Fund marbuta mall-attivitajiet kulturali organizzati fil-lokal. Is-Sindku qal li matul it-tlett snin li gejjin il-Kunsill jista` jibbenefika minn €45,000 ewro ghal tlett snin fejn dawn fir-realta ser jigu €15,000 fis-sena bhal mhu jiehu fil-prezent il-Kunsill, ghalhekk il-Kunsill m`huwa se jibbenifika xejn anzi ser imur aghar peress li minhabba dawn il-mizuri ma jistax jitlob donazzjonijiet.

## 30.8 Rapporti.

Prezenti waqt il-laqgha kien hemm l-accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro fejn spjega li financial statement tas-sena 2016 baqa` kif inhu, ma kien hemm l-ebda aggustament. Is-Sur Manicaro spjega li l-Kunsill matul is-sena 2016 ghamel deficit ta` madwar seba` t`elef ewro, fejn spejga wkoll x`nefaq u x`dahhal flus il-Kunsill matul is-sena 2016.

Is-Sur Laurence Manicaro spjega li fil-jiem li gejjin ser jsir il-Fixed Asset Registry tal-ufficini tal-Kunsill u l-management account tal-ewwel tlett xhur tas-sena 2017. Is-Sur Manicaro qal li ser ssir programm bbazzat fuq ammont ta` snin sabiex jghin lill-Kunsill isolvi l-problema ta` deficit li qed jaffacja.

Wara li intghatat l-ispjegazzjoni fid-dettal, is-Sindku propona li dan il-financial statement jigi approvat, is-Sur Anton Gellel ssekonda u gie aprovat unanimament.

## 30.9 Komunikazzjoni mis-Sindku.

30.9.1 Is-Sindku, is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill ghandhu bzonn jinvesti fi projector HD bi screen LED ghas-sala ta` fuq tal-Kunsill u dan sabiex is-sala tal-Kunsill tkun atrezzata tajjeb ghall-konferenzi. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill jista` jhallas l-ispiza ta` dan il-projector mid-donazzjonijiet ghall-uzu tas-sala tal-Kunsill.

30.9.2 Is-Sindku, s-Sur John Boxall spjega kif qed jigi trattat minn naha tar-Restoration Unit. Zied jghid li meta huwa jaghti l-opinjoni tieghu jew jissugerriexi xi haga u l-parti l-ohra ma taqbilx, ir-Restoration Unit tghid li huwa dejjem jogezzjona. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Kunsill kien qabel li jsir lift u mhux stair lift fil-Foss tal-Birgu. Is-Sur Boxall kien talab lill-Cameron Cachia biex itih in-numru tal-mobile tieghu u dan sabiex isir fuq il-pjanca li saret minn naha ta` Restoration Unit biex kull min irid jaghmel uzu mill-stair lift jikkuntatja lis-Sur Cachia. Is-Sur Cachia meta ra li numru tieghu kien ser ikun dispost ghall-pubbliku kollhu, ma xtaqtx li numru tieghu jkun espost u sar qbil li tinxtara linja gdida tal-mobile b`nurmu gdid. Il-Kunsill informa dwar dan lir-Restoration Unit sabiex isir emenda tal-pjanca. Dwar dan ir-Restoration Unit ma qablux u bdew jhalltu haga ma` ohra biex din ma` ssirx. Is-Sur Boxall zied jghid li oggett ma` jithallatx ma` oggett iehor, ghax jekk il-Kunsill jibda jghid x`fadal xoghlijiet pendenti li jridu jsiru minn naha ta` Restoration Unit,

jsemmi lista twila fosthom, wires tal-cable ghandhom ma` gewx mghoddija minn taht l-art, pipijiet mikxufin fi djar ta` nies, toroq godda li saru ghadhom ma gew immartelati biex ma jibqghux jizolqu etc...

30.9.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li fil-jien li ghaddew saret laqgha mas-Sinjura Francelle Spiteri u s-Sur Kevin Fsadni dwar il-possibilita li l-MTA tghin lill-Kunsill sabiex jigu ppublikati l-kotba tal-Four Walks, Birgu A Historical City. Barra minn hekk il-Kunsill talab l-ghajnuna tal-MTA biex isiru information boards fejn il-postijiet kollha storici u xiri ta` litterbins.

30.9.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ospita lill-Kunsill Lokali tas-Sannat waqt harga li saret mill-istess Kunsill nhar 11 ta` April 2017.

30.9.5 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill kien talab sabiex jintbghatu lilhu l-pjanti u l-artisitc impression ta` kif gej il-progett tal-Glaziz. Is-Sindku zied jghid li l-devoluzzjoni li ghandhu l-Kunsill ta` din l-art kienet saret ghal tlett snin. Is-Sindku ssugeriexa li l-Kunsill jikteb lill-Lands Department dwar din id-devoluzzjoni sabiex tigi mgedda.

30.9.6 Is-Sindku prezenta draft tal-programm li ser jitella` relatat mall-progett LADDER li ser ssir gewwa Ghawdex.

30.9.7 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li nhar is-6 ta` Mejju 2017 ghandhu laqgha ma` rapprezentanti ta` Alf Mizzi & Sons u ser jaraw il-Berga tal-Ingliterra biex jaraw kif jisghtu jghinnu finanzjarjament lill-Kunsill.

30.9.8 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-photoshoot li saret fuq iz-zuntier tal-genb tal-Knisja ta` San Lawrenz saret minghajr il-permess tal-Kunsill. Is-Sur Boxall zied jghid li l-Arcipriet kellmu dwar din il-photoshoot peress li ma kienx infurmat biha. Is-Sur Boxall qal li flimkien mall-Arcipriet kien sar ftehim sabiex kull darba li jsir uzu miz-zuntier tal-Knisja, tintalab donazzjoni ghall-Knisja u l-Kunsill.

30.9.9Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li sid ta` Cafe Riche lill-Bank l-ewwel qaltlu li mhux problema ghaliha li ssir ATM fejn il-hanut taghha u issa qed togezzjona u qed tghid li l-art hija taghha. Gie deciz li l-Kunsill ghandhu jikteb lill-Lands Department biex ikun jaf ta` min hija din l-art.

## 3.10 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

3.10.1 Is-Sindku staqsa lis-Sur Gellel dwar jekk sarux il-mobile toilets fl-Irxoxt. Is-Sur Gellel qal li l-mobile toilets ngabu mill-Kazin tan-Nazzjonalisti u tal-Football dakinhar tal-Irxoxt u kif spiccat l-attivita tnehhew mill-ewwel.

## 3.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3440 – 3495, fejn cekk numru BOV 3440,BOV 3473 u BOV 3491 gew kkancellati, u HSBC cekkijiet bin-numru 9629-9635. Sar ukoll BOV bank transfer. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 14 ta' Marzu, 2017 sal-25 ta` April, 2017.

## 3.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghaxra ta` filghaxija (8:10pm)u ġiet aġġornata l-laqgha Nru 31 ghat-Tlieta 23 ta' Mejju 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm)

Konfermati nhar l-Erbgha 14 ta` Gunju, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |